# Dun Anton Aquilina, il-ħames Kappillan ta' Għajnsielem

**Jikteb Dun Geoffrey G. Attard**



Dun Anton Aquilina twieled fir-Rabat, Għawdex minn Francesco u Ursula mwielda Zerafa u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Mons. Dun Mikiel Buttiġieġ, aktar tard l-ewwel isqof t'Għawdex.

Kien fl-1 ta' Lulju 1900, wara l-mewt tal-Kappillan Dun Pietru Galea min-Nadur, li Dun Anton ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Għajnsielem minn idejn il-Vigarju ġenerali Mons. Dun Michelangelo Refalo.

## Opri fil-Parroċċa ta' Għajnsielem

Matul il-parrokat tiegħu li dam tmien snin, Dun Anton għamel diversi opri. Fi żmienu, il-familja Galea magħrufa bħala tal-Erbgħa mir-Rabat t'Għawdex ħallset biex isir l-artal maġġur tal-Knisja l-Qadima. Fis-sena 1903 hu ġab minn Franza l-istatwi ta' Sant' Andrea Appostlu u ta' Sant' Antnin. ġab mill-belt ta' ġenova fit-tramuntana tal-Italja l-qanpiena magħrufa bħala "il-ġdida". Saret ukoll l-istatwa tar-Ružarju. Fi żmienu sar ukoll il-kwadru l-ġdid ta' Sant' Andrea Appostlu u żejjen l-artal maġġur għall-festa b'sett sabiħ ferm ta' gandlieri u appostli kif ukoll kanupew irrakmat u l-pedestall tal-Madonna ta' Loretu. Fl-1906 sar l-orgni tad-ditta *Inzoli* u kompla d-damask tal-Knisja; għamel apparat komplut għall-festa b'seba' kapep, żewġ tuniċelli, pjaneta eċċ u fuq kollox bena d-Dar Parrokkjali li swiet is-somma ta' £ 349 fis-sena 1903.

Dun Anton dam kappillan tal-parroċċa t'Għajnsielem sas-7 ta' Ġunju 1908 meta nħatar bħala t-tieni arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija u suċċessur ta' Dun Pietru Pawl Ciantar li wkoll kien għamel madwar sena kappillan t'Għajnsielem qabel laħaq kappillan fix-Xewkija u aktar tard arċipriet. Huwa dam arċipriet tax-Xewkija sa mewtu li seħħet fl-14 ta' Settembru 1920. Waqt il-quddiesa funebri niseġ l-eloġju Dun Alfons Marija Hili li aktar tard sar arċipriet tal-belt Victoria.


